# ĠRAJJA TA' MITEJN SENA ILU

*minn Joseph BORG*



Paġna mill-iżjed glorjużi fl-istorja tal-Mosta, miktuba bid-demm ta' l-eroiżmu seħħet fostna fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi. Sittax-il suldat mill-Battaljun tal-Mosta, tista' tgħid ilkoll fil-fjur ta' ħajjithom, waqgħu mejta taħt il-balal ta' l-azzarini tas-suldati ta' Napuljun. Dan kollu ġara, sewwa sew f'Jannar ta' mitejn sena ilu fil-Pjazza erwlenija tal-Belt Valletta. Magħhom kien hemm sħabhom l-oħra - 45 b'kollox - ewlenin fosthom, il-kap Guliermu Lorenzi u l-Eroj Nazzjonali Dun Mikiel Xerri, mexxej ieħor u l-moħħ wara dan l-attentat sfortunat imma daqstant ieħor glorjuż sabiex pajjiżna jeħles mill-ħakma Franċiża. Kienu lkoll Maltin qalbiena, Maltin ibiegħu l-irġulija, vittmi fuq l-artal tal-Patrija! Il-qawwa tagħhom kienu saħ'ansitra jitkabbru biha Ateni u Ruma!

Minn dan kollu l-Mosta tagħna kellha sehem kbir għax kellha l-ikbar sagrifiċċju. Kien għalhekk li l-Mosta, kburija bil-qlubija ta' dawn uliedha, għalkemm tard, waqqfet f'dawn l-aħħar snin monument tal-bronż li jfakkar 'l Mostin qalbiena ta' kull żmien, fosthom 'l dawn is-sittax l-eroj mill-Mosta ta' żmien il-Franċiżi. Kien ħsieb ukoll sabiħ li xi toroq ġodda tal-Mosta moderna jissemmew b'tifkira ta' dawn il-Mostin qalbiena.




*Il-plakka tat-triq li ġġib l-isem Triq l-Aħwa Galea, tnejn mill-Eroj Mostin li mietu xkubettjati għal Malta. (ritratt: Al. Briffa)*

## Il-Mosta ta' 200 sena ilu

Fl-1799. il-Mosta kien għada raħa żgħir u kwiet imdawwar minn kullimkien b'wesgħat u firxiet kbar ta' raba' u għelieqi. Il-popolazzjoni tagħha dejjem tikber, kienet ta' ftit anqas minn tlett elef ruħ li l-biċċa l-kbira minnhom kienu bdiewa. Wieqfa f'nofs il-misraħ ewlieni tar-raħal kien għad hemm il-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' l-Assunta iddisinjata mill-Arkitett Tumas Dingli. Bħala kappillan kien hemm Dun Feliċ Calleja miż-Żurrieq, li fl-1797, l-Isqof Labini minn kappillan ta' Ħal-Balzan, ħatru biex imexxi l-Parroċċa Mostija. Kien hemm weqfin ukoll, kif għadhom sal-lum, il-Palazz ta' Kaspru, il-mitħna l-qadima u l-knejjes jew kappelli żgħar fosthom dik tal-Madonna ta' l-Isperanza. Mill-bqija skiet u satra u sempliċita` kbira f'dik li hu stil ta' ħajja u għajxien. Kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom dawk niesna ta' mitejn sena ilu, fuq kollox nies tar-ruħ u tal-Knisja. Ħajjithom kie-net minsuġa madwar il-Knisja. Fiha kienu jitwieldu u jiżżewġu, u fiha kienu jmutu wkoll.

Imma ġara, li f'daqqa waħda, minn taħt idejn il-Kavalieri ta' San Ġwann, missirijietna sabu ruħhom taħt il-Franċiżi li dritt qasmu l-Gżejjer Tagħna fi tnax-il muniċipju, fosthom il-muniċipju tagħna magħmul minn Naxxar, Mosta u Ħal-Għargħur. Malajr it-tamiet ta' futur isbaħ u aħjar imwegħda mill-Franċiżi taru mar-riħ u l-Maltin, fosthom naturalment il-Mostin sabu ruħhom f'baħar ta' nkwiet tant li l-poplu tagħna kellu fl-aħħar bilfors jirribella. Twaqqfu għalhekk il-battaljuni biex jeħduha kontra l-Franċiżi li ngħalqu wara s-swar ta' l-Ibliet. Il-Battaljun tal-Mosta, flimkien ma' dak akbar minnu ta' Birkirkara kellhom il-kamp tagħhom f' Ta' l-Għargħar u kellhom jieħdu ħsieb minn San Ġiljan sa fuq l-Imsida u Ta' Xbiex. Ta' min isemmi li f'dokument tas-17 ta' Novembru 1798, niltaqgħu ma' Dr. Dun Ġwann Pullicino li kien kap tal-Battaljun tal-Mosta.

Fl-aħħar il-Maltin, imxebbgħin għall-aħħar, bdew jikkonġuraw bejniethom biex jaraw kif jagħmlu u jaħbtu għall-Franċiżi billi jattakkaw il-Belt Valletta minn naħa ta' Marsamxett u jeħduha f'idejhom. Iżda b'xorti ħażina, dan il-kumplott li kien imħejji għat-12 ta' Jannar 1799, inkixef u sfratta. Vaubois, irnexxielu



Il-Knisja Parrokkjali l-Qadima tal-Mosta
li fiha tgħammdu u x'aktarx li żżewġu fiha wkoll
l-Eroj Mostin ta' żmien il-Franċiżi.

jaqbad il-kapijiet u 'l dawk kollha li kinu qegħdin imexxu l-kumplott minn ġewwa l-Belt u magħhom ukoll is-suldati tal-battaljuni ta' Birkirkara u tal-Mosta li kienu ser jattakkaw minn Marsamxett. Ma damux ma ġew ikkastigati billi ftit ftit ġew bla ħniena ta' xejn iffuċillati fil-Pjazza tal-Belt. Bejn it-12 ta' Jannar u s-16 t'April 1799, kien hemm ta' l-anqas 43 esekuzzjoni. L-ewwel li kien xkubettjat kien Lorenzi. Fis-17 ta' Jannar mess lil Dun Mikiel Xerri u xi oħrajn miegħu. Fil-ġranet u l-ġimgħat ta' wara tneħħew 'l bqija.

Min jaf x'biża, x'niket u dwejjaq waqgħu fuq il-Mosta hekk kif ġriet l-aħbar li sittax minn dawk is-suldati qalbiena maqbudin u maqtulin mill-Franċiżi kienu Mostin! Sittax-il familja mbikkija; raħal sħiħ jibki magħhom! B'dan kollu missirijietna ma tmewtux; żammew sħiħ sa l-aħħar. Dan jidher ċar mil-lista tal-battaljuni ta' l-4 ta' Settembru 1800, fejn insibu li l-Mosta kellha 125 bniedem fuq l-armi. Hawn ta' min ifakkar ukoll li tul is-sentejn ta' l-Imblokk tal-Franċiżi, 633 bniedem mill-Mosta servew ta' suldati għal Pajjiżhom u dan minn popolazzjoni ta' qrib 3,000 ruħ biss.

## Suldati ta' Malta - Suldati Mostin

L-akbar numru ta' suldati Maltin xkubetttjati mill-Franċiżi fl-okkażjoni ta' l-Assalt ta' Marsamxett kienu Mostin. Isimhom jidher imniżżel fl-Att Notarili tan-Nutar Saverju Zarb tat-8 ta' Jannar 1804. L-istoriku Monsinjur u Professur Vinċenz Borg fi ktejjeb bħala programm tifkira ta' l-inawgurazzjoni tal-Monument Dun Mikiel Xerri u sħabu fl-1986, jagħtina l-uniku tagħrif li għandna f'idejna dwar min kienu dawn is-sittax-il suldat tal-Battaljun tal-Mosta li dwarhom jgħid hekk bejn wieħed u ieħor:

1. **SALVU AQUILINA**, iben Baskal u martu Anna twieled il-Mosta fit-8 ta' Frar 1779. Kellu oħtu Marija 5 snin akbar minnu u jiġi li meta xkubettjawh kellu biss 20 sena.

2. **INDRI BEZZINA**, iben Karlu u martu Anna twieled in-Naxxar u żżewweġ il-Mosta lil Grazzja armla nhar il-25 ta' April 1779. Kien ilu 20 sena miżżewweġ meta xkubettjawh.

3. **FRANĠISK BORG**, jissemma biss bħala iben Isabella u twelidu fil-Mosta ma nstab' l-ebda tagħrif dwaru.

4. **ĠUŻEPPI CAMILLERI**, kien iben Ġamri u martu Pulkerja mwielda Sant u twieled il-Mosta fit-28 ta' Jannar 1780. Kellu ħuh Salvu 4 snin ikbar minnu. Meta l-Franċiżi xkubettjawh kien għad għandu 19-il sena.

5. **FRANĠISK CHETCUTI**, iżżew-weġ lil Grazzja Busuttil nhar l-10 ta' Ottubru 1784 u f'Lulju ta' wara tweldilhom binhom Ġanni li meta ġie xkubettjat missieru Franġisk kellu biss 14-il sena.

6. **FRANĠISK FENECH**, dwaru, d-dokumenti juru li fil-Mosta kien hemm tnejn li jġibu dan l-isem u li kellhom ukoll binhom jismu Franġisk. Kien min kien minnhom, jiġi li s-suldat xkubettjat ħalla warajh lil martu u 'l ibnu ta' ftit snin.

7. **XMUN FENECH**, kien iben Ġanni u martu Grazzja mwielda Deguara. Twieled il-Mosta fis-27 ta' Settembru 1779. Żagħżugħ ieħor li ħalla ħajtu għall-Patrija ta' ftit iżjed minn 19-il sena.

8. **DUMINK GALEA**, iben Ġanni u Valenzia mwielda Mifsud twieled u tgħammed il-Mosta fis-6 ta'Settembru 1769 (?) Huwa żżewweġ lil Rosa Camilleri fis-16 ta' Ottubru 1797. Wara biss 15-il xahar ta' ħajja miż-

żewġa miet flimkien ma' ħuh fit-taqbida għall-ħelsien ta' Pajjiżna.



*Il-Monument tal-Qalbiena Mostin, xogħol l-iskultur Ġanni Bonnici. Fuq żewġ plakki jidhru l-ismijiet tas-sittax-il suldat mill-Battaljun tal-Mosta. (ritratt: Al. Briffa)*

9. **ĠANNI GALEA**, dwaru nstab li kien hemm ħafna fil-Mosta li kellhom dan l-isem u għalhekk ma kienx possibbli li dan is-suldat jiġi identifikat billi l-ebda wieħed mill-ġenituri tiegħu ma hu msemmi.

10. **ĠUŻEPPI GALEA**, kien ħu Duminku Galea li diġa' semmejna. Twieled u tgħammed il-Mosta fis-16 ta' Novembru 1770. Iżżewweġ lil Battistina Said fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta fil-25 ta' Novembru 1790. Jiġi allura li meta xkubettjawh kellu 28 sena.

11. **INDRI GALEA**, iben Grazzja u huwa diffiċli li jingħata xi tagħrif bijografiku dwaru għax iż-żwieġ tiegħu mhux reġistrat il-Mosta.

12. **PAWLU GALEA**, kien iben Ġużeppi u martu Tereża mwielda Camilleri. Huwa twieled il-Mosta fil-15 ta' Jannar 1768, u żżewweġ lil Ewġenja Fenech fit-12 ta' Awwissu 1792. Għalhekk meta qatluh il-Franċiżi kellu 31 sena.

13. **FRANĠISK PISANI**, eroj żagħżugħ ieħor bin Mastru Ġanni u martu Marija mwielda Fenech. Dan twieled il-Mosta fid-29 ta' Marzu 1780. Kellu oħtu Grezzja 10 snin ikbar minnu. Kien għadu lanqas 19-il sena m'għalaq meta ħalla ħajtu għall-Patrija.

14. **ĠANNI SAID**, kien miżżewweġ lil Liberata mwielda Xiberras. It-tifel waħdieni minn dan iż-żwieġ tgħammed il-Mosta nhar is-16 ta' Novembru 1798 u semmewh Patist. Lil din it-tarbija Ġanni kellu jħalliha warajh wara biss xahrejn.

15. **FRANĠISK XERRI**, dwaru nafu li kien iben Ġużeppi u martu Roża mwielda Schembri. Iżżewweġ lil Grazzja bint Ġakbu Galea u martu Evanġelista nee` Zammit fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta nhar is-6 ta' Novembru 1791. Safa bħal sħabu maqtul mill-Franċiżi fl-1799.

16. **ĠUŻEPPI XIBERRAS**, twieled il-Mosta fit-28 ta' Marzu 1780 minn Karlu u

martu Xandra mwielda Galea. Kellu ħuh Salvu sentejn iżgħar minnu. Eroj ieħor ta' anqas minn 19-il sena li jagħlaq il-lista glorjuża tas-suldati Mostin xkubettjati mill-Franċiżi.

Waqt li Ġensna fakkar u għadu qed ifakkar il-200 sena minn meta ġew il-Franċiżi u r-Rivoluzzjoni tal-Maltin kontra l-ħakma tagħhom, il-Mosta wkoll f'Jannar li għadda fakkret bir-raġun kollu din l-epoka fl-istroja ta' Artna. Kif rajna, l-miġja tal-Franċiżi fostna laqtet lil Mosta fil-laħam il-ħaj. Kien jixraq għalhekk li r-raħal/belt tagħna jfakkar is-sehem li ta fil-qawmien kontra l-Franċiżi, sehem li barra t-tbatija ġab miegħu ċ-ċarċir tad-demm. Toħroġ għalhekk qawwija minn qalbna t-tislima lil dawk ħutna l-Mostin u sħabhom l-oħra kollha li għażlu li jmutu bi qlubija għal kawża tal-Patrija għażiża tagħna. J'Alla l-eżempju kbir tagħhom iħeġġiġna lkoll biex naħdmu għalenija biex ikollna Mosta u Malta dejjem isbaħ, Mosta u Malta dejjem aħjar. Viva l-Eroj Mostin.



*Il-kwadru li sar b'tifkira ta' egħluq il-mitejn sena mill-fuċillazzjoni tas-suldati Mostin mill-Franċiżi - xogħol l-artist żagħżugħ Mosti, Mark Schembri, u li jinsab fis-Sala tal-Komunita'.*

*Riferenzi:*

1. ***Monument Dun Mikiel Xerri u Sħabu*** *..... Programm-Tifkira, 1986, Pġ. 3.* ***Tmiem il-Qalbiena*** *.....* - Mons. Vinc. Borg D.D., H.E.D., *Arch. Ch. 1 - Pġ. 21, 22 u 23.*
2. ***Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*** - E.B. Vella, *1930, Pġ. 107, 111, 113, 116 u 267.*
3. ***Il-Mosta fi Żmien il-Ħakma tal-Kavalieri ta' San Ġwann*** - Michael A. Sant B.A., B.A.(Hons.), M.A., *Pġ. 13, 42, 43, 47 u 55.*
4. *Ara wkoll is-sunett* ***'Għal Dun Mikiel Xerri'*** *-* Dun Karm Psaila, ***Monument Dun Mikiel Xerri*** *u* ***Sħabu*** *Programm-Tifkira, 1986, Pġ. 6.*

NUMERO 3

*for Men*

*with latest fashion taste*

M~ E~N~S~W~E~A~R

**164, Constitution Street, Mosta • Tel./Fax. 419275**